MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 202/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**
**Vs**
**Deborah Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 t'April, 2008 u fid-19 t'April, 2008, bejn nofs inhar u t-8.30 p.m. u/jew fix-xhur ta' qabel, gewwa Triq Francesco Balbi, Ta' Giorni, San Giljan

1. xehtet hmieg jew porkeriji fil-bibien jew taht il-hitan tad-dar ta' Joseph u Stella Galea;
2. matul ix-xahar ta' Marzu kif ukoll fix-xhur ta' qabel ingurjat jew heddedt lil Joseph u Stella Galea bil-kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Gunju, 2008, li biha, stante li rrizultat li l-ewwel imputazzjoni mhix pruvata,

minnha lliberata w wara li rat l-artikolu 339 (1)(e) tal-Kap. 9 sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatha ghall-detenzjoni ghall-perjodu ta’ hmistax (15) il-gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta’ Lulju, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn illiberatha mill-ewwel akkuza izda tikkancella l-istess fejn sabitha hatja tat-tieni w ikkundannataha ghal hmistax (15) il-jum detenzjoni w minflok tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti li jikkonsistu fis-segwenti :

Il-kliem ta’ ingurji w theddid skond il-konjugi Galea ntqal min xi hadd mill-ulied ta’ l-appellanti li huma ma jafux min hu/hi izda minkejja dan huma ghazlu li jaghmlu r-rapport kontra l-omm ghaliex skond huma hija kellha bzonn titghallem izzommilhom.  Ghalhekk fic-cirkostanzi bhal dawn zgur li ma jistax jinghad illi l-akkuza giet ippruvata.
Il-kliem li skond il-konjugi Galea kien intqal ma jikkostitwix ingurja jew theddid skond il-ligi.  Tabilhaqq Galea jilmentaw ghaliex f’xi okkazjoni meta huma ghamlu rapport mal-Pulizija huma wara kienu semghu diskors gej minn barra fis-sens illi jaghmlu kemm jaghmlu rapporti kien ghalxejn ghaliex “ahna ghandna min jaqlana”.  Fl-umli fehma tal-appellanti tali diskors la huwa ingurjuz u wisq anqas huwa xi tip ta’ theddid.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm il-konjugi Galea, persuni anzjani jilmentaw minn agir negattiv tal-appellanti fuq firxa twila ta' zmien, minkejja l-isforzi kollha li ghamlet din il-Qorti biex tesigi xi forma ta’ informazzjoni preciza dwar it-tieni imputazzjoni minn ghand dawn iz-zewg xhieda dwar l-allegat ingurji w theddid li suppost sar fil-konfront taghhom, huma ma kienux f’posizzjoni li jiftakru xejn preciz dwar tali akkuza, hlief li gieli l-appellanti nstemghet tghid li hadd ma jaghmillha xejn ghax ghandhom lil dak u lil-iehor. Dan la hu kliem ingurjuz u lanqas theddid. Id-depozizzjoni tas-social worker, apparti li hi *hearsay evidence*, ma ghinet xejn biex tinkiseb informazzjoni preciza dwar il-lanjanzi tal-konjugi Galea.

F' dan l-istat tal-provi din il-Qorti m’ghandhix alternattiva ohra hlief illi ma ssibx lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatha ghal hmistax-il jum detenzjoni u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------